**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2015**

---

**Il-Ħames Sena** | **Studji Soċjali** | **Ħin: Siegħa**

---

**Isem: ________________________________________** **Klassi: _______________**

**A. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba:** **(10 marki)**

1. Il-Logħob Olimpiku jsir kull (erba', ħames, sitt) snin.
2. Pierre de Coubertin kien (wieħed mill-allat Griegi, il-fundatur tal-Logħob Olimpiku modern, ir-rebbieħ tal-medalja tad-deheb fil-ġiri).
3. L-Imperatur Teodozju waqqaf il-Logħob Olimpiku l-antik għax (ma riedx jagħmel eżerċizzju, ma kienx jemmen fl-allat Griegi, ried li jibdew jieħdu sehem in-nisa).
4. Il-bandiera Olimpika fiha ħames (kaxxi, trijangoli, ċrieki).
5. Kelma oħra flok logħob hija (dixxiplini, atleti, medalji).
6. Il-*paralympic games* jieħdu sehem fihom (irġiel biss, nisa biss, nies b'xi diżabilità).
7. L-irġiel u n-nisa jikkompetu (kontra xulxin, għalihom, fi snin differenti).
8. L-itwal tellieqa hija (l-Maratona, it-tiġrija bid-dgħajjes, il-qbiż biż-żwiemel).
9. Wara l-1896 il-Logħob Olimpiku baqa' jsir kull erba' snin u (waqfu biss fi żmien il-gwerra, ma waqfu qatt, waqfu għal ħamsin sena).
10. Il-bandiera Olimpika tirrappreżenta l-għaqda bejn il-ħames (pajjiżi, kontinenti, ibħra) tad-dinja.

**B. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxa. Waħda mill-kliem mhux ħa tintuża:**

**(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| saħħa | kuruna | Kristjan | Rio de Janeiro |
| għaqda | Zeus | Imperatur | |
| Franċiż | Torċa | irġiel | Londra |

Il-Logħob Olimpiku antik beda jsir fil-Greċja bħala tifħir lil alla ____________. F'dan il-logħob kienu jieħdu sehem biss l-____________. Min jirbaħ kien jingħata _______________ tar-rand. L- ______________ Teodozju waqqaf dan il-logħob għax kien _____________. Pierre de Coubertin, li kien baruni ____________ huwa l-fundatur tal-Logħob Olimpiku modern. Dan kien jemmen li l-isport tajjeb għas-_____________ u li jġib ukoll l-______________ bejn il-kontinenti. Fl-istadju ta' fejn isir il-logħob Olimpiku tinxtegħel it-____________ Olimpika, li ma tintefiex qabel ma jispiċċa kollox. Kull erba' snin il-logħob Olimpiku jsir f'pajjiż differenti. Fl-2012 dan il-logħob sar f'Londra. Fl-2016 se jsir f'____________________.

**Ċ. Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numri fil-kaxxa t-tajba:**

**(6 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Fl-antik, f'Malta kienu jagħtu qima | | nstabet fit-Tempji ta' Ħal Tarxien. |
| 2. | L-ewwel Insara kienu jiġu midfuna | | minħabba l-elementi. |
| 3. | Il-Ġgantija u Ħaġar Qim huma | | taħt l-art fil-katakombi. |
| 4. | L-ikbar statwa tal-Mara l-Ħoxna | | inkunu qed nirrestawraw. |
| 5. | Il-ġebel megalitiku jitmermer | | lill-Mara l-Ħoxna. |
| 6. | Meta nibdlu l-ġebel li jitmermer | | tempji preistoriċi. |

**D. Aqra dan li ġej u wieġeb il-mistoqsijiet: (8 marki)**

Fis-sajf, Pawlu u Marika kienu jagħmlu ġurnata jilagħbu. Filgħodu kienu jibdew billi jinżlu sal-baħar li kien eżatt quddiem il-villeġġjatura tagħhom. Wara l-ikla ta' nofsinhar Pawlu kien imur jilgħab bil-*playstation* u Marika kienet tmur dawra bir-rota waħidha. Għall-ħabta tal-ħamsa kienu jmorru għandhom in-nanna u n-nannu. In-nannu Ġorġ kien joqgħod jilgħab id-darts mat-tfal. Dan tant kien tajjeb li qatt ma kienu jirbħulu! Wara l-ikla ta' filgħaxija, Marika u Pawlu kienu jilagħbu *Uno* mal-ġenituri tagħhom. Wara, kienu jinħaslu u jmorru jorqdu. Mhux ta' b'xejn iħobbu s-sajf!

1. Kemm-il logħba differenti lagħbu Marika u Pawlu? ____________________________

**Agħmel sinjal taħt il-kemla t-tajba:**

2. *Uno* hija logħba ta' (barra, ġewwa, waħdek).
3. (Futbol, Darts, *Billiard*) hija logħba ta' barra.
4. Nieħdu pjaċir meta nilagħbu għax (nirrilassaw, nirbħu, niskartaw mix-xogħol).

5. Semmi vantaġġ wieħed li fih il-logħob ta' barra.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

6. Semmi vantaġġ wieħed li tieħu minn logħob ta' kompetizzjoni.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

**E. Semmi żewġ logħbiet tradizzjonali Maltin u spjega kif kienu jintlagħbu:**

**(6 marki)**

Isem tal-ewwel logħba: ____________________

Kif tilgħabha:

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

Isem tat-tieni logħba: ____________________

Kif tilgħabha:

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

**F. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar is-Sajd: (25 marka)**

1. Semmi żewġ xogħlijiet li s-sajjied jagħmel minn fuq l-art.

______________________________________________

______________________________________________(2)

2. Fisser id-differenza bejn sajjied *full-time* u sajjied *part-time*.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4)

3. Fejn jieħdu l-ħut maqbud is-sajjieda u fejn jinsab dan il-post?

______________________________________________

______________________________________________(2)

4. Xi tfisser **kannizzata**?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

5. Għalfejn il-lampuki jmur taħt il-kannizzata?

______________________________________________

______________________________________________(2)

6. Semmi żewġ tipi ta' ħut li jinqabdu fl-istaġun tal-lampuki.

______________________(1) ______________________(1)

7. X'inhi l-Akwakultura?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

8. Fejn jinsab iċ-Ċentru tal-Akwakultura?

________________________________(1)

9. Fit-*Torri ta' San Luċjan* issir it-trobbija ta' ħut. Semmi żewġ affarijiet oħra li jsiru hemmhekk.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

10. X'inhu s-sajd bla rażan?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3)

11. Fejn tinsab l-ewwel kumpanija privata tal-*fishfarming* li bdiet taħdem Malta?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)



**Ġ. Agħżel wieħed minn dawn it-titli u ikteb paragrafu dwaru. Il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk twieġeb aħjar.** **(15-il marka)**

**1. Kif nistgħu nikkonservaw u nirrestawraw postijiet ta' qima?**

Xi tfisser nikkonservaw? Kif u għaliex nikkonservaw il-postijiet ta' qima? Minn xiex irridu nipproteġuhom dawn il-postijiet? Xi tfisser restawr? Kif u għaliex isir ir-restawr? Min huma n-nies li jirrestawraw? Għaliex isiru r-repliki ta' xi statwi?

**2. X'inhu xogħol is-sajjied?**

Kif jipprepara għas-sajd is-sajjied? X'joqgħod jagħmel is-sajjied meta t-temp ikun ikrah? X'irid jagħmel is-sajjied wara xi sajda? X'inhi d-differenza bejn sajjied *part-time* u sajjied *full-time*? Għalfejn ngħidu li s-sajd huwa xogħol ta' tbatija?

**3. X'benefiċċji nistgħu nakkwistaw permezz tal-logħob?**

X'hemm tajjeb fil-logħob ta' ġewwa? Għaliex huwa tajjeb għalina l-logħob ta' barra? Għaliex huwa importanti li nilagħbu wara ħafna ħin nistudjaw? X'inhuma dawk l-affarijiet li nitgħallmu mil-logħob? Kif jgħin il-logħob kontra l-obesità?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**TMIEM IL-KARTA**